MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 1016/2001/1

***Peter Plant Limited***

***Versus***

**Emmanuel Cutajar**

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob ħlas għal xogħol li għamlet b'sub-appalt għall-konvenut.
L-attriċi fissret illi l-konvenut kien qabbadha tagħmel tqattigħ ta' blat fil-Marsa bir-rata ta' żewġ liri u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm2.25) kull jarda kuba u f'Ħal Lija bir-rata ta' ħames liri (Lm5) kull jarda kuba, barra t-taxxa fuq il-valur miżjud f'kull każ. Imqabbda mill-konvenut l-attriċi kriet ukoll kompressur. Issa l-konvenut għandu jagħtiha sitt elef, erba' mija u tlieta u erbgħin lira u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm6,443.75), u l-attriċi għalhekk qiegħda titlob dik is-somma, barra l-imgħax u l-ispejjeż.
Il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni illi għandu jagħti somma ferm iżgħar; fil-fatt igħid illi għandu jagħti biss elf, tmien

mija u sebgħa u sittin lira u sitta u għoxrin ċenteżmu (Lm1,867.26)

Fis-seduta tas-26 ta’ Novembru 2002 il-partijiet qablu illi ma hemmx kontestazzjoni dwar is-somma ta’ mija u ħamsin lira (Lm150) għall-kiri ta’ kompressur, iżda ma hemmx qbil dwar il-volum ta’ tqattigħ f’Ħal Lija – disa’ mija u ħmistax il-jarda kuba (915 $yd^3$) skond l-attriċi u tmien mija u sebgħin punt deċimali sitta tlieta jardi kubi (870.63 $yd^3$) skond il-konvenut – u dwar ir-rata għax-xogħol f’Ħal Lija – ħames liri (Lm5) kull jarda kuba skond l-attriċi u lira u tmenin ċenteżmu (Lm1.80) kull jarda kuba skond il-konvenut. Ma jidhirx ukoll illi hemm kontestazzjoni dwar ir-rata għax-xogħol fil-Marsa.

B’dikriet tal-20 ta’ Ġunju 2003 il-qorti ħatret espert tekniku sabiex ikejjel ix-xogħol. Dan irrelata fit-28 ta’ Novembru 2003 u sab illi fil-Marsa tqattgħu tliet mija u tlieta u ħamsin jarda kuba (353 $yd^3$) u f’Ħal Lija tqattgħu tmien mija u disgħa u sittin punt deċimali sitta jardi kubi (869.6 $yd^3$).

Mela x-xogħol tal-Marsa bir-rata ta’ żewġ liri u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm2.25) kull jarda kuba jiġi jiswa seba’ mija u erbgħa u disgħin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm794.25), li bit-taxxa fuq il-valur miżjud bir-rata ta’ dak iż-żmien ta’ ħmistax fil-mija (15%) jiġu disa’ mija u tlittax-il lira u disgħa u tletin ċenteżmu (Lm913.39).

Dwar ix-xogħol f’Ħal Lija l-partijiet kienu ftiehmu rata ta’ ħames liri (Lm5) kull jarda kuba. Ġara iżda illi meta ġie biex isir ix-xogħol l-attriċi kienet imqabbda tqatta’ volum akbar minn dak miftiehem fil-bidu. Il-perit tekniku fisser illi, billi t-tqattigħ f’volum kbir huwa aktar aġevoli minn dak f’volum ristrett, għax jista’ jintuża makkinarju akbar, ir-rata tinżel għal madwar żewġ liri u nofs (Lm2.50) kull jarda kuba.

Ladarba nbidel il-ftehim dwar il-volum, il-*bona fides* fl-esekuzzjoni tal-kuntratt[1] trid illi jinbidel ukoll il-ftehim dwar ir-rata, u għalhekk huwa xieraq li l-ħlas isir bir-rata ta’ żewġ liri u nofs (Lm2.50) u għalhekk ix-xogħol f’Ħal Lija jiġi jiswa elfejn, mija u erbgħa u sebgħin lira (Lm2,174) jew elfejn u ħames mitt lira u għaxar ċenteżmi (Lm2,500.10) bit-taxxa fuq il-valur miżjud.

---

1 Art. 993, Kod. Ċiv.

Il-fatt, imsemmi mill-attriċi fin-nota ta’ sottomissjonijet tagħha, illi l-konvenut ħareġ erba’ *cheques* għal ħamest elef, tmien mija u ħamsin lira (Lm5,850) b’kollox, ma jfissirx, kif tippretendi l-attriċi, illi l-konvenut aċċetta r-rata ogħla. Dawn iċ-*cheques* inħarġu fi żminijiet differenti u ebda wieħed minnhom ma ġie onorat. Jista’ jkun, għalhekk, illi *cheque* inħareġ mhux b’żjieda ma’ ta’ qablu iżda flok dak ta’ qablu li ma ġiex onorat.

L-attriċi għalhekk għandha tieħu, b’kollox, tlitt elef, ħames mija u tlieta u sittin lira u disgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm3,563.49)[2], barra l-imgħaxijiet.

Il-qorti għalhekk taqta’ l-kawża billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta’ tlitt elef, ħames mija u tlieta u sittin lira u disgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm3,563.49)[3], flimkien ma’ l-imgħaxijiet relativi kif mitluba fiċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż jinqasmu hekk: sehem minn tlieta (⅓) tħallsu l-attriċi u żewġ ishma minn tlieta jħallashom il-konvenut (⅔).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Lm150 + Lm 913.39 + Lm 2,500.10 = Lm 3,563.49.

[3] Lm150 + Lm 913.39 + Lm 2,500.10 = Lm 3,563.49.